IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.10.2021
COM(2021) 669 final

2021/0349 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") b'rabta mal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tiddeżinja l-Baħar Mediterran, fl-intier tiegħu, bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (MED SO_x ECA) f'konformità mal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (il-"Konvenzjoni MARPOL")

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") u l-Protokolli tagħha dwar deċiżjoni biex fl-2022, waqt it-tmienja u sebgħin (78) sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 78) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), tiġi ppreżentata proposta biex il-Baħar Mediterran, fl-intier tiegħu, jiġi deżinjat bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (Med SO_x ECA) kif ukoll id-data tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi relatati.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis

Il-Konvenzjoni ta' Barċellona u s-seba' Protokolli tagħha adottati bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Mediterran jikkostitwixxu l-ftehim ambjentali multilaterali reġjonali vinkolanti prinċipali għall-Baħar Mediterran.

Il-Konvenzjoni ta' Barċellona għandha l-għan li tipprevjeni, tnaqqas, tiġġieled u telimina t-tniġġis fiż-żona tal-Baħar Mediterran u li ssaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent marin f'dik iż-żona biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli tagħha.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona (emendata)[1].

2.2. Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha tiġbor flimkien Ministri u uffiċjali għolja li jirrappreżentaw lill-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Kontraenti se jiltaqgħu f'Antalya, it-Turkija bejn is-7 u l-10 ta' Diċembru 2021.

Skont l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, l-Unjoni Ewropea għandha teżerċita d-dritt tal-vot tagħha b'għadd ta' voti daqs l-għadd tal-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għal din il-Konvenzjoni u għal protokoll wieħed jew aktar. L-Unjoni ma għandhiex teżerċita d-dritt tal-vot tagħha meta l-Istati Membri tagħha jeżerċitaw id-dritt tagħhom u viċeversa.

Skont ir-Regola 43 tar-Regoli ta' Proċedura għal-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Konvenzjoni, il-protokolli jew it-termini finanzjarji ta' referenza, id-deċiżjonijiet sostantivi, ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet għandhom isiru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti preżenti u votanti.

2.3. L-att previst tat-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha

Skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha f'konformità mad-dritt internazzjonali biex jipprevjenu, inaqqsu, jiġġieldu u, sa fejn hu possibbli, jeliminaw it-tniġġis taż-żona tal-Baħar Mediterran ikkawżat mill-iskariki

[1] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 32-43.

minn vapuri u biex jiżguraw li f'dik iż-żona ssir implimentazzjoni effettiva tar-regoli dwar il-kontroll ta' dan it-tip ta' tniġġis li huma rikonoxxuti ġeneralment fil-livell internazzjonali.

Skont l-Artikolu 18(1)(vii) tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għal dik il-Konvenzjoni tista' tikkunsidra u tieħu kwalunkwe azzjoni li jaf tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni u l-Protokolli.

L-istabbiliment ta' żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit jissodisfa l-objettivi msemmija hawn fuq għax jintroduċi rekwiżiti speċjali biex jonqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mill-vapuri fil-Mediterran.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Kemm-il darba ġie rikonoxxut il-bżonn li jitħarsu l-bijodiversità u l-ekosistemi marini tal-Baħar Mediterran, inkluż fiż-żoni marittimi lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

L-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mill-vapuri jħallu effetti negattivi sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, u fuq l-ambjent. Mod kif tiġi miġġielda l-isfida tal-emissjonijiet tal-vapuri huwa li, f'konformità mal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (il-"Konvenzjoni MARPOL"), il-Baħar Mediterran jiġi deżinjat bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (Med SO_x ECA), u jiġu implimentati rekwiżiti speċjali biex jonqsu l-emissjonijiet tal-vapuri.

Minħabba l-effetti legalment vinkolanti tal-proposta prevista, jeħtieġ tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Unjoni. Peress li l-proposta hija konformi mal-ambizzjoni tal-Unjoni li jonqos it-tniġġis u titjieb il-protezzjoni tal-ambjent, huwa propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-att previst.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li għandhom effetti legali bis-saħħa ta' regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll strumenti mingħajr effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[2].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha hija korp imwaqqaf bi ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Barċellona.

L-att previst se jippreżenta proposta lill-MEPC 78 tal-IMO fl-2022 biex il-Baħar Mediterran jiġi deżinjat bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (Med SO_x ECA). Għalhekk, l-adozzjoni tiegħu tikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha.

[2] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, il-Ġermanja v Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan u l-kontenut ewlieni tal-att previst huma relatati mal-protezzjoni tal-ambjent.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

2021/0349 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") b'rabta mal-adozzjoni ta' Deċiżjoni li tiddeżinja l-Baħar Mediterran, fl-intier tiegħu, bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (MED SO_x ECA) f'konformità mal-Anness VI tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (il-"Konvenzjoni MARPOL")

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni emendata għall-Protezzjoni tal-Baħar Mediterran kontra t-Tniġġis (il-"Konvenzjoni ta' Barċellona") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/802/KE[3] u daħlet fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2004.

(2) Skont l-Artikolu 18(1)(vii) tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona tista' tikkunsidra u tieħu kwalunkwe azzjoni li jaf tkun meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni u l-Protokolli. Skont ir-Regola 43 tar-Regoli ta' Proċedura għal dik il-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mill-Konvenzjoni, il-protokolli jew it-termini finanzjarji ta' referenza, id-deċiżjonijiet sostantivi jenħtieġ li jsiru b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-Partijiet Kontraenti preżenti u votanti.

(3) Tul it-22 laqgħa tagħhom bejn is-7 u l-10 ta' Diċembru 2021, il-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha għandhom jadottaw Deċiżjoni biex fl-2022 jippreżentaw proposta waqt it-tmienja u sebgħin (78) sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 78) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO). Din il-proposta tiddeżinja l-Baħar Mediterran, fl-intier tiegħu, bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (MED SO_x ECA) u se tispeċifika d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

(4) Jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, peress li d-Deċiżjoni prevista se tippreżenta proposta lill-MEPC 78 tal-OMI, f'isem organizzazzjoni li l-Unjoni hija Parti tagħha, biex il-Baħar Mediterran, fl-intier tiegħu, jiġi deżinjat bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (MED SO_x ECA), u għalhekk l-adozzjoni tagħha tikkostitwixxi att li għandu effetti legali.

[3] ĠU L 322, 14.12.1999, p. 32-43.

(5) Peress li d-Deċiżjoni prevista għandha l-iskop li twassal għall-aġġornament tar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-Baħar Mediterran, f'konformità mal-ambizzjoni tal-Unjoni li jonqos it-tniġġis fl-ambjent marin u tipproteġi s-saħħa tal-bniedem, hu propost li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tad-Deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha, għandha tkun li tiġi appoġġata l-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tiġi ppreżentata proposta waqt it-tmienja u sebgħin (78) sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar (MEPC 78) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), biex il-Baħar Mediterran, fl-intier tiegħu, jiġi deżinjat bħala żona ta' kontroll tal-emissjonijiet għall-ossidi tal-kubrit (Med SO_x ECA) kif ukoll id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President